**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Alan Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Alan Fenech ta' 25 sena bin Philip u Mary nee' Spiteri, imwieled fit-22 ta' Lulju, 1982, residenti 'Solimare', Triq il-Qaliet, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita' numru 433682M.

Akkuzat talli fit-23 ta' Settembru, 2007, ghall-habta ta' 2:00 a.m. fi Triq tal-Barrani, Tarxien, saq vettura Nru. KBE 087 (1) b'manjiera traskurata, (2) perikoluza (3) bla kont (4) u b'giri aktar milli jmissu (5) u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alex (Alexander) Borg skond kif iccertifika Dr. Mark Grech M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' Settembru, 2009 (fol 81 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2010 (fol. 80 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet tal-*parte civile* Alexander Borg u tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

L-unika fatti li fuqhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-*parte civile* Alexander Borg u l-imputat huma dawn:

1. Iz-zewg partijiet kienu qed isuqu il-vetturi rispettivi taghhom fl-istess direzzjoni, fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu, fi Triq tal-Barrani, limiti ta' Hal-Tarxien, fuq in-naha tat-triq li tati fid-direzzjoni ta' Santa Lucija. It-triq fiha zewg karreggati li jaghtu ghall-istess direzzjoni.
2. B'xi mod – li hu kontestat bejn il-partijiet – dawn iz-zewg vetturi habtu u dahlu gos—centre strip, fejn kien hemm arblu tad-dawl u traffic lights.
3. Borg sofra griehi gravi u permanenti, konsegwenza ta' dan l-incident.

4. Fuq il-post gew riskontrati brake marks b'tul ta' 19.7m[1] li bdew mill-karreggata ta' gewwa ghal karreggata ta' barra, pero il-Pulizija ma rnexxiliex tistabbilixxi ta liema vettura kienu dawn il-brake marks.[2]

Hemm diverga sostanzjali bejn il-*parte civile* Alexander Borg u l-imputat dwar il-fatti li taw lok ghal dan l-incident. Ghalhekk, il-Qorti se tirriproduci succint tal-versjoni ta' kull parti.

*Il-Versjoni tal-Parte Civile Alexander (Alex) Borg*

1. Fix-xhieda tieghu, Alex Borg jghid li hu kien qed isuq il-karozza Daewoo Racer, u hin minnhom hass daqqa minn wara u spicca go arblu tad-dawl fis-central strip.[3]
2. Ma jiftakarx minn tah id-daqqa fuq wara tal-karozza.
3. Jghid ukoll li kien qed isuq fuq il-karreggata tax-xellug tieghu u kien ghaddej b'velocita ta' cirka 40km fis-siegha.[4]
4. Jghid ukoll li ma rax karozzi ohra fit-triq waqt li kien qed isuq, lanqas quddiemu.
5. Ma jiftakar xejn iktar dwar l-incident, ghax wara d-daqqa intilef minn sensieh, pero jghid li l-karozza tieghu kellha hsara fuq in-naha tal-lemin tal-bumper ta' wara u l-bibien tan-naha tal-lemin, jigifieri tax-xufier u l-bieba ta' warajha. Kellu wkoll hsara fuq quddiem fejn habat mas-central strip.[5]

*Il-Versjoni tal-Imputat*

1. L-imputat jghid li hu kien qed isuq il-vettura tieghu Volkswagen fuq il-lane ta' barra in-naha tas-central strip.[6]
2. Fuq il-kareggata l-ohra kien hemm karozza ohra ta' terzi iktar il-quddiem minnu qed issuq bl-istess speed tieghu ta' cirka 60-70km fis-siegha. Bejn il-karozza tieghu u din il-karozza ta' terzi kien hemm cirka distanza ta' karozza bejniethom.
3. Skond l-imputat, f'daqqa wahda giet karozza minn wara – id-Daewoo misjuqa minn Alex Borg - u tatu daqqa fuq il-mudguard tal-genb tan-naha ta' quddiem fuq in-naha

[1] Ara skizz a fol. 18 tal-process
[2] Ara xhieda ta' PS 1330 Alexander Schembri a fol. 16 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Alex Borg a fol. 27 u 32 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Alex Borg a fol. 29-30 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Alex Borg a fol. 32-33 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 84 *et seq.* tal-process.

tal-passiggier. Bid-daqqa, hu baqa' diehel gol-arblu tat-traffic lights, u l-vettura Daewoo baqghet diehla fl-arblu tad-dawl ta' quddiemu – it-tnejn in-naha tas-central strip. Wara d-daqqa mal-arbli, iz-zewg karozzi imxew bicca ohra.

4. Il-karozza Daewoo ma kienx ra qabel l-incident, imma hass id-daqqa u spicca dahal go l-arblu mill-ewwel.
5. Il-karozza misjuqa minn terzi ma kinitx involuta fl-incident, u ma waqfitx mal-incident, izda baqghet sejra.
6. L-imputat eskluda li l-brake marks kienu tieghu, ghax hu ma zammx brakes.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Sabiex tiddeciedi liema minn dawn iz-zewg versjonijiet hi l-aktar kredibbli, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti provi cirkostanzjali:

1. Mill-iskizz ezebit mill-Pulizija – li ma gie kontestat mill-ebda wahda mill-partijiet jirrizulta illi kien hemm tyre marks ta' 19.7 metri li kienu jibdew mill-karregata ta' gewwa u jigbdu ghal karreggata ta' barra u jieqfu fejn l-arblu tad-dawl illi hemm mas-centre. Issa il-parte civile xehed li huwa kien qed isuq fuq il-karreggata ta' gewwa, izda wara d-daqqa spicca habat mal-arblu tad-dawl fuq il-lemin tal-karreggata ta' barra.
2. Mir-ritratti esebiti bhala Dok AF1 sa Dok AF2[7], jirrizulta illi apparti d-danni estensivi fuq quddiem kagunti bl-impatt mal-arblu tad-dawl, id-danni fil-vettura tal-parte civile kienu fuq il-bibien tal-lemin, partikolarment il-bieba ta' quddiem. Minn dawn ir-ritratti, ma jirrizultawx daqqiet fuq in-naha tal-lemin tal-bumper ta' wara – kif xehed il-parte civile. Kieku l-vettura tieghu hadet daqqa fuq wara, kif xehed il-parte civile, certament li mir-ritratti kien jirrizulta li kien hemm daqqa fuq il-bumper ta' wara. Huwa vera li Walter Vella li spezzjona l-vettura tal-parte civile xehed li l-vettura kellha brix ta' zebgha fuq il-bumper ta' wara u fuq in-naha tal-lemin tal-genb,[8] pero dan ma jikkonfortax il-verzjoni tal-parte civile li vettura – allegatament tal-imputat – tatu daqqa fuq wara u dahlitu fl-arblu, ghax li kieku l-vettura kien ikollha ghafsa kbira

[7] Ara fol. 94 sa fol. 100 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Walter Vella a fol. 103 tal-process.

fuq wara u mhux sempliciment brix. Fil-fatt meta Walter Vella gie mistoqsi fejn kien il-hsarat hu wiegeb *"Il-hsarat kienu fuq quddiem"*.

3. Kemm mill-iskizz ezebit mill-Pulizija kif ukoll mir-ritratt tal-vettura tal-imputat ezibit fil-parti t'isfel ta' fol. 112, juru illi l-vettura tal-imputat hadet impatt mix-xellug taghha u konsegwentement angolat ruhha lejn il-lemin. Mill-banda l-ohra, il-vettura tal-parte civile, illi *ex admissis* kien qieghed isuq fil-karreggata tax-xellug, daret circa mija u tmenin grad lejn il-lemin u spiccat thares lejn id-direzzjoni opposta fil-karreggata tal-lemin.

4. Fix-xhieda tieghu l-imputat isemmi vettura misjuqa minn terzi li kienet qed issuq fuq il-karreggata tax-xellug, izda kienet qieghda issuq iktar 'il quddiem minnu. Dan hu negat mill-parte civile, li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li huwa inverosimili illi jekk kien hemm din il-vettura ohra fuq il-karreggata tax-xellug, din ma ntlaqtitx fl-incident. Pero, la darba din il-vettura ta' terzi kienet fuq il-karreggata tax-xellug u kienet qed issuq iktar il-quddiem minn dik tal-imputat, u l-impatt bejn il-vettura tal-parte civile u tal-imputat sehh fuq il-karreggata tal-lemin, din il-Qorti ma tara xejn inverosimili li fil-versjoni tal-imputat, li l-vettura misjuqa minn terzi ma gietx involuta fl-impatt, u ghalhekk setghet tibqa' sejra liberament il-quddiem, kif fil-fatt ghamlet.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-versjoni tal-fatti tal-imputat hija ferm aktar verosimili minn dik tal-parte civile. Mill-iskizz u l-posizzjoni tad-daqqiet fuq il-vetturi rispettivi tal-partijiet, jirrizulta li l-parte civile kiser ghall-gharrieda minn fuq il-karreggata tax-xellug ghal fuq dik tal-lemin, fejn kien qieghed isuq ghad-dritt l-imputat. Peress li l-parte civile kien angolat lejn il-lemin, mal-habta mal-vettura tal-imputat, kompla sejjer lejn il-lemin sakem habat mal-arblu tad-dawl li kien hemm fic-central strip. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li it-tyre-marks ta' 19.7m indikati fl-iskizz illi mill-karreggata tax-xellug jigbu lejn il-karreggata tal-leminu jieqfu fejn l-arblu tad-dawl, jappartjenu lill-vettura tal-parte civile.

Huwa probabbli, li kif issottometta l-imputat f'dawn il-proceduri – u kif qal ukoll lill-Pulizija *a tempo vergine* – il-parte civile ipprova jaghmel manuvra ta' surpass biex jaqbez il-vettura misjuqa minn terzi li kienet qieghda quddiemu, izda ma kienx hemm distanza sufficjenti

sabiex jaghmel dan, minghajr ma johloq perikolu lil haddiehor, senjatament lill-imputat, li kien qed isuq ghad-dritt fil-karreggata ta' barra.

Pero, fi kwalunkwe kaz, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-imputat irnexxielu jipprova ta' lanqas fuq bazi ta' probabbilita li l-parte civile kien qieghed isuq fuq il-karreggata ta' xellug u f'daqqa wahda biddel il-korsija tieghu billi qaleb ghal fuq il-karreggata tal-lemin illi fuqha kien qieghed isuq l-imputat, b'mod li sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi.

Fid-dawl tas-suespost, certament li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest minnha fil-kamp penali - lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni – illi ghal dan l-incident kien jahti b'xi mod l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**